

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1346/2008

tat-23 ta' Diċembru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 950/2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tal-kummerċ 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor skont ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 148(1) tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

## Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 huwa emendat kif ġej:

Billi:

(1) Fl-Artikolu 24, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

(1) Skont il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-Iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-kors tal-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/870/KE <sup>(3)</sup>, il-Komunità ħadet l-impenn li, għas-sena tas-suq 2008/2009, iżżid l-allokkazzjoni għal Kuba b'20 000 tunnellata zokkor mhux ipproċessat tal-kannamieli għar-raffinar, b'rata ta' dazju ta' EUR 98 it-tunnellata.

"1. Għas-sena tas-suq 2008/2009, kwoti tariffarji għal total ta' 126 925 tunnellata ta' zokkor mhux ipproċessat tal-kannamieli għar-raffinar, kopert bil-kodiċi tan-NM 1701 11 10, għandhom jinfetħu bħala CXL konċessjonijiet taz-zokkor b'dazju ta' EUR 98 it-tunnellata.

(2) Il-kwota għandha tinfetaħ u tkun amministrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 <sup>(4)</sup> bħala "CXL Konċessjonijiet taz-zokkor".

2. Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu allokatu skont il-pajjiż tal-orijini kif ġej:

(3) Biex tkun evitata l-ispekulazzjoni bil-liċenzji tal-importazzjoni għall-kwoti tal-importazzjoni allokatu lill-pajjiżi, għandhom isiru provvedimenti biex l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jkunu restritti għal dawk l-operaturi li jistgħu jippreżentaw liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti tal-pajjiż li qiegħed jesporta.

— Kuba	78 969 tunnellata
— Il-Brażil	34 054 tunnellata
— L-Awstralja	9 925 tunnellata
— Pajjiżi terzi oħra	3 977 tunnellata."

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(2) Fl-Artikolu 25, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Mal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni relatati ma' Kuba, il-Brażil u l-Awstralja għandu jkun hemm l-orijinal tal-liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż li jesporta skont il-mudell fl-Anness II għal kwantità daqs dik fl-applikazzjoni għal-liċenzja."

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 308, 19.11.2008, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU L 308, 19.11.2008, p. 27.

<sup>(4)</sup> ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membri tal-Kummissjoni*

---